# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar it-Tnejn, 18 ta' Ottubru 2021**

**Talba Nru: 333/2018 JG**
**Numru fuq il-lista: 1**

**Marcelle Agius (ID 149973(M))**

**Vs**

**John Paul Baldacchino (ID 129384(M))**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fl-20 ta' Lulju 2018[1], permezz ta' liema, l-attriċi talbet lil dan it-Tribunal jikkundanna l-konvenut iħallasha s-somma ta' ħames mija u ħamsa u tletin Ewro (€535) rappreżentanti danni kkaġunati fuq iċ-ċellulari tagħha waqt ġlieda kif aħjar deskritt fl-istess Avviż. Intalbu wkoll l-ispejjeż tal-istanti proċeduri u l-imgħax;

[1] A fol 1 *et seq.*

Ra d-dokument anness mal-Avviż;

Ra r-risposta tal-konvenut[2] permezz ta' liema huwa laqa' għat-talba attriċi billi eċċepixxa li huwa m'huwiex responsabbli u b'mod sussidjarju eċċepixxa li iċ-ċellulari jista jsirlu xogħol riparatorju;

Ra l-affidavit tal-attriċi[3];

Ra x-xhieda ta' Daniel Cachia[4];

Ra li ġie ppreżentat ċ-ċellulari in kwistjoni[5].

Ra x-xhieda ta' WPC 204, Maria Bugeja[6], kif ukoll ir-rapport eżebit minnha[7];

Ra l-affidavit ta' bint l-attriċi, Stephanie Gellel[8];

Ra l-affidavit tal-konvenut[9];

Ra l-kontro-eżami tal-attriċi[10];

---

[2] A fol 10.
[3] Nota tinsab a fol 12.
[4] Seduta tal-4 ta' Diċembru 2018. Xhieda tibda a fol 16.
[5] Dan ġie eżebit u mmarkat bħala Dok MA1.
[6] Seduta tad-29 ta' Jannar 2019. Xhieda tibda a fol 21.
[7] Dan jinsab a fol 26 *et seq* tal-proċess.
[8] Ippreżentat permezz ta' nota data 21 ta' Frar 2019 li tinsab a fol 31 tal-proċess.
[9] Ippreżentat permezz ta' nota datata 14 ta' Ottubru 2019 li tinsab a fol 37 tal-proċess.
[10] A fol 42 tal-proċess.

Ra d-digriet mogħti mil-Onor. Prim Imħallef ta' nhar it-28 ta' Ottubru 2020 tramite liema din it-talba ġiet assenjata lil dan it-Tribunal kif presedut[11];

Sema' x-xhieda tal-konvenut[12];

Sema' t-trattazzjoni magħmula fis-seduta tal-24 ta' Ġunju 2021, liema trattazzjoni ġiet debitament reġistrata u traskritta kif ordnat[13];

Ra l-atti proċesswali kollha;

**Ikkunsidra;**

Illi qabel mat-Tribunal iqis l-aspetti legali ta' din il-kwistjoni, tinħass il-ħtieġa li l-istess Tribunal jirrakkolji u jispjega, anke jekk brevement, x-xhieda miġbura f'dawn il-proċeduri. Dan qiegħed isir anke għaliex x-xhieda ma ġietx mismugħa kollha minn dan it-Tribunal kif issa presedut, u għalhekk qiegħed jagħmel hekk sabiex iserraħ moħħ il-partijiet li dik ix-xhieda ġiet debitament mixtarra.

Illi in suċċint, ix-xhieda kienet din li ssegwi.

Illi l-attriċi xehdet in eżami permezz t'affidavit[14]. Tispjega kif hija u l-konvenut kienu f'relazzjoni li ntemmet fit-13 ta' Jannar 2018. Dakinhar kienu marru jieħdu bibita flimkien ma missier il-konvenut, it-tifel tal-konvenut u it-tifla tal-attriċi. F'xi ħin, il-konvenut ħa iċ-ċellulari tal-attriċi għaliex sab li din kienet żiedet

[11] A fol 55.
[12] Magħmul fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2021, li jibda a fol 60 tal-proċess.
[13] Trattazzjoni tibda a fol 73 tal-proċess.
[14] Dan jibda a fol 13 tal-proċess.

persuna fuq *il-facebook* tagħha. Hemmhekk beda jgħajjat u joffendiha u jgħidilha sabiex tneħħi din il-persuna. Ried li lil din it-terza persuna hija tibgħatilha messaġġi dispreġjattivi fuq l-istess *facebook*. Bint l-attriċi, Stephanie u t-tifel tal-konvenut Redent, telqu l'hemm. F'xi ħin, il-konvenut bagħat messaġġi lil din it-terza persuna huwa stess, biċ-ċellulari tal-attriċi. Bagħat ukoll xi messaġġi lis-sieħeb passat tal-attriċi. Missier il-konvenut beda jgħid lill-ibnu sabiex irodd iċ-ċellulari lura. Ħarġu l-barra mill-istabbiliment fejn kienu. Il-konvenut baqa' joffendi lill-attriċi u lil bintha fit-triq. Marru d-dar tal-attriċi. L-attriċi ma riditx iddaħħlu d-dar, iżda hekk kif fetħet il-bieb, huwa imbutaħħa u daħal. Hi ordnatlu biex jitlaq iżda hu ma ridtx. L-attriċi ppruvat iċċempel lil missieru iżda f'dan il-ħin il-konvenut qabadha minn xagħarha, ħa ċ-ċellulari, sabbtu ma l-art u beda jaqbeż fuqu. Tilef il-kontroll. Bintha, meta rat dan, ċemplet lill-omm l-attriċi u lill-Pulizija. Sadanittant wasal ukoll iben l-attriċi, qal lill-konvenut sabiex jitlaq u spiċċaw jaqbdu f'xulxin. F'dan l-aħħar episodju, tgħid li l-konvenut weġġa lil Stephanie ukoll. Meta waslu l-Pulizija d-dar, raw iċ-ċellulari mkisser. Tgħid li hija talbet lill-konvenut iħallasha iżda huwa ma ridtx. Tgħid li dan iċ-ċellulari kien inxtara minn Stephanie oriġinarjament fl-20 ta' Lulju 2017, iżda hija kienet tatu lill-attriċi sabiex Stephanie tixtri ieħor. Tgħid li baqgħet mingħajr flus.

Illi l-attriċi telgħet ukoll tixhed in kontro-eżami[15]. Hawn tispjega lir-relazzjoni bejn il-kontendenti kienet ta' xi erba' xhur. Tgħid lill-konvenut kien għamel żmien jgħix magħha u kien ġab it-tifel ukoll. Tgħid li hu kien ġie jaħdem fl-istess post mal-attriċi. Tgħid li ma tafx jekk ma kienx f'relazzjoni ma persuna oħra fl-istess żmien. Tgħid li ċ-ċellulari kisru fil-każin. Tikkoreġi ruħha immedjatament u tgħid li dan inkiser fid-dar. Ma taqbilx li hu kien ġie għandha għaliex kien f'relazzjoni ma persuna oħra. Ma taqbilx li kienet hi li garatlu ċ-ċellulari.

[15] Seduta tal-10 ta' Diċembru 2019. Xhieda tibda a fol 42 tal-proċess.

Illi in ri-eżami, fl-istess seduta terġa tispjega u tikkonferma ix-xhieda inizjali tagħha. Tagħlaq billi tgħid li meta ħadet iċ-ċellulari għand dak minn fejn kien inxtara dan qalilha li qisu għaddiet vettura minn fuqu.

Illi f'dawn il-proċeduri xehed ukoll ċertu Daniel Cachia, rappreżentant ta' Tables and More[16]. Huwa jikkonferma d-dokument tax-xiri taċ-ċellulari li jinsab eżebit bħala Dok A mal-Avviż tat-Talba. Jgħid li dan kien imħallas kollu.

Illi f'dawn il-proċeduri ġiet prodotta wkoll WPC 204, Marisa Bugeja li ppreżentat r-rapport mertu ta' dan l-inċident[17].

Illi f'dawn il-proċeduri, xehdet ukoll bint l-attriċi Stephanie Gellel permezz t'affidavit[18]. Hija terġa tirripeti dak li qalet l-attriċi fix-xhieda tagħha. Iżżid li l-inċident seħħ għal ħabta ta' nofs il-lejl u dwar iċ-ċellulari tgħid li l-konvenut kienet qabeż fuqu u xxurtjat mal-ħajt. Il-ħsara kienet tant gravi li ħareġ inka minnu. Tgħid li kienet hi li tat iċ-ċellulari lill-omma. Ma sar l-ebda kontro-eżami lil din ix-xhud.

Illi l-konvenut xehed permezz t'affidavit[19]. Jgħid li huwa qatt ma kien f'relazzjoni mal-attriċi iżda kienu jaħdmu flimkien. Jgħid li l-attriċi ħadet grazzja miegħu u bdiet tibgħatlu messaġġi b'mod regolari. Il-partner tiegħu, ċertu Antonella, kienet qiegħda tiddejjaq u anki marret id-dar tal-attriċi sabiex tgħidilha biex tieqaf. L-attriċi kompliet tittanta lill-konvenut. F'xi ħin, jgħid li din is-sitwazzjoni kkrejat problemi u tensjoni fil-ħajja personali tiegħu u jgħid li mar jixtri xi sigaretti u baqa' sejjer għand l-attriċi sabiex jgħidilha biex tieqaf. Jgħid li daq il-qanpiena u

[16] Fis-seduta tal-4 ta' Diċembru 2018. Xhieda tinsab a fol 16.
[17] Xhieda tibda a fol 23. Rapport jibda a fol 26 tal-proċess.
[18] Jinsab a fol 32 tal-proċess.
[19] Immarkat bħala Dok JPB u jibda a fol 38.

l-attriċi niżlet isfel. L-attriċi bdiet t'argumenta miegħu u tefgħet iċ-ċellulari fid-direzzjoni tiegħu iżda ma laqtitux. Ġie mitkellem mill-Pulizija fejn huwa ta din il-verżjoni. Dwar danni oħra huwa ma jaf xejn. Jgħid li ma kienx qiegħed jieħu bibita magħhom ġewwa każin. Jgħid ukoll ma jafx min huma n-nies li jissemmew fl-affidavit tal-attriċi. Jgħid ukoll li għaddej proċeduri kriminali fuq dan il-każ.

Illi l-konvenut xehed ukoll in kontro-eżami[20]. Hawn jispjega li kien jaħdem mal-attriċi. Jgħid li hija kienet tgħix bieb ma bieb max-xogħol. Ma kienx f'relazzjoni ma l-attriċi. Jgħid li mar dak il-ħin, xil-ħdax ta' fil-għaxija għaliex kien qiegħed jirċievi telefonati minn għand l-attriċi u ried li din tieqaf. Jgħid li lanqas jaf minn fejn ġabet in-numru tiegħu. Jgħid li dak il-ħin moħħu hekk taħ biex jagħmel. Jgħid li kienet l-attriċi li niżlet tkellmu u jgħid lid-diskursata saret isfel. Jinnega li daħal ġewwa. Sekonda wara jgħid li daħal ġewwa u tkellmu ġewwa l-appartament. Jgħid li huwa dar u kif kien żewġ metri u nofs il-bogħod għamel manuvra sabiex jiskapula ċ-ċellulari. Ma jiftakarx x'qaltlu meta qalilha sabiex tieqaf tkellmu. Wara ftit jiftakar u jgħid li qaltlu *all right* b'arroganza. Mistoqsi jekk hux minnu li hi qaltlu *all right* u wara garatlu ċellulari, jirrispondi fl-affermattiv. Jgħid li ma jiftakarx eżatt għaliex għadda żmien. Jiċħad li kien il-każin flimkien mal-attriċi u jiċħad il-verżjoni tal-attriċi. Ma jafx min hu Noel Dimech u lanqas Rosanne Vassallo. Dwar il-*cookers* u l-banketti jgħid li dawn ma kienux fit-taraġ. Jinnega li l-Pulizija qallu biex iġib ċertifikat mediku u sabiex iġib stima tal-ħsara. Imbagħad jgħid li ma kellux bżonn ċertifikat. Ma jafx jekk l-attriċi qaltlux biex ma jitlaqx mal-mara tiegħu. Jagħlaq billi jgħid li jekk hu mar iħabtilha, ma jistax jifhem kif hi riedet li jibqa hemm.

Illi ma sar l-ebda ri-eżami.

[20] Seduta tat-28 ta' Jannar 2021. Xhieda tibda a fol 60 tal-proċess. Din ix-xhieda ġiet mismugħa minn dan it-Tribunal kif presedut.

Illi epurata din l-espożizzjoni fattwali jmiss li dawn jiġu applikati għall-prinċipji legali applikabbli għal dan il-każ. M'huwiex dubitat li l-attriċi qiegħda tippromwovi din l-azzjoni sabiex titlob riżarċiment għat-telf dirett soffert minnha minħabba l-imputazzjoni tal-fatt illeċitu (f'dan il-każ doluż) magħmul mill-konvenut.

Illi strettament f'dan il-każ huma applikabbli wkoll prinċipji tad-dritt kriminali[21]. F'kawżi ta' din ix-xorta, l-Qrati tagħna, diversi drabi ġustament applikaw dak li dak li jridu l-artikoli 1031, 1033[22], u 1045 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Huwa fuq dawn li sejjer jistrieħ it-Tribunal[23].

Illi b'mod ġenerali jingħad li l-kunflitt ta' provi hija ġrajja normali f'proċessi ta' dawn it-tip. Meta jiġri hekk ġudikant għandu jkun prinċipalment gwidat b'żewġ prinċipji bażilari u ċioé l-utilizzar ta' forma ta' korroborazzjoni u fin-nuqqas taċ-

---

[21] F'kawżi bħal dawn hija ripetutament ċċitata s-sentenza fl-ismijiet **Francesco Gauci vs Salvatore Gauci,** mogħtija mil-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar it-30 ta' Novembru 1956. F'dik is-sentenza kien ġie ritenut hekk: *"Din il-kawża preżenti hi waħda ta' danni mhux kontrattwali, u lanqas akwiljani, imma danni konsegwenzjali għall-azzjoni kriminuża vera u proprja, u għalhekk japplikaw il-prinċipji tad-dritt kriminali, fosthom dak li jissejjaħ "system of conduct", rikonoxxut mill-ġurisprudenza tagħna, fuq l-istregwa tas-sistema leġislattiv Ingliż, anki bħala prova li tattakka l-kredibbilitá tal-imputat"*

[22] Dwar dan, fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Cassar et vs Lawrence Castagna et**, (App Ċiv Nru: 834/2004/1) mogtħija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-7 ta' Frar 2007 ġie ritenut hekk: *"L-istanza promossa mill-atturi hi wahda ghar-rizarciment ta' danni civili in konsegwenza ta' att delittwuz, ossija ta' hsarat volontarji fuq il-vettura ta' l-atturi. Kif inhu sew maghruf id-dolo, flimkien mal-kolpa, hu indikat fl-Artikolu 1033 tal-Kodici Civili bhala element soggettiv ta' l-illecitu u ghalhekk iservi hu wkoll bhala kriterju ta' imputabilita` tar-responsabilita` civili."*

[23] Fis-sentenza fl-ismijiet **Michael D'Amato noe vs Filomena armla ta' Josepph Spiteri et,** (Ċit Nru: 886/1993/2) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-3 ta' Ottubru 2003 (mhux appellata) intqal hekk: "*Jekk il-kolpa tikkostitwixxi l-element karatterizzanti ta' l-illecitu, huma rikonoxxuti u accettati wkoll aspetti ta' responsabilita` specjali in rigward ghall-evitabilita` tal-hsara."*

ċertezza morali, ċ-ċaħda tat-talba[24]. Applikati dawn il-prinċipji għal fatti ta' dan il-każ[25], t-Tribunal huwa sodisfatt lit-talba attriċi għandha tintlaqa. Dan qiegħed jiġi deċiż hekk minħabba s-segwenti.

Illi l-kunflitt fil-verżjoni mogħtija mill-konvenut ma jistgħux ikunu t'għajnuna għalih. Huwa inverosimili li l-konvenut, *a tempo vergine*, jonqos milli jispjega kif siegħa wara l-akkadut huwa ma kienx kapaċi joffri dettal, meta mbagħad snin wara, fix-xhieda tiegħu kien kapaċi joffri dawk id-dettalji li wieħed huwa mistenni jinsa u mhux jiftakar. It-Tribunal kellu l-okkażjoni jeżamina l-komportament tal-konvenut fuq il-pedana tax-xhieda u rriskontra wkoll eżitazzjonijiet mhux sintomatiċi ma persuna veritiera[26]. Hemm inkonsistenzi. Ma

[24] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Maria Xuereb et vs Clement Gauci et,** (App Ċiv Nru: 290/2001) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar il-24 ta' Marzu 2004, fejn intqal hekk: *"Huwa pacifiku f'materja ta' konflitt ta' versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni talprovi quddiemha: 1. Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra; u 2. Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur"."*

[25] Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Joseph Tonna vs Philip Azzopardi,** (Appell Ċivili Nru: 503/2002/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-12 ta' April 2007, fejn intqal hekk: "*Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-prinċipju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali ta' l-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinċiment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-Artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-razzjonalita`, kif ukoll koerenti ma' l-elementi utilizzati allura skond ġurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' revizjoni."*

[26] F'dan is-sens issir referenza għal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Victor Borg Barthet vs Carnik Construction Limited**, (App Ċiv Nru: 1431/2002/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar it-13 ta' Ottubru 2008 fejn intqal hekk: *"Infatti jirrizulta li, apparti mill-affidavits inizjali, il-provi kollha nstemghu mill-gudikant li eventwalment ippronunzja is-sentenza. Konsegwentament dak il-gudikant kien f'posizzjoni ferm aktar vantaggjuza minn din il-Qorti li trid tevalwa l-provi testimonjali sempliciment a bazi tat-traskrizzjoni xotta xotta tax-xiehda. Ghandu jigi rilevat li lewwel Qorti li tat is-sentenza setghet tosserva kontinwament matul il-gbir tal-provi l-komportament taxxhieda waqt li huma kienu qeghdin jiddeponu quddiemha. Huwa maghruf illi l-komportament ta' xhud waqt li huwa jiddeponi jista' jaghti hjiel tajjeb hafna lill-gudikant, attent u ta' l-esperjenza, dwar il-veracita` o meno ta' dak li l-istess xhud ikun qieghed jiddeponi. Dana l-aspett difficilment jista' jigi rifless fit-traskrizzjoni*

jistgħax jitwemmen il-konvenut meta jgħid li huwa ma jafx kif l-attriċi kellha n-numru tiegħu, meta ftit qabel fil-kontro-eżami jispjega li kien hemm *WhatsApp* grupp tax-xogħol.

Illi diffiċli jitwemmen il-konvenut meta jgħid li ra lill-attriċi titfa dan iċ-ċellulari, meta kien diġà dar biex jitlaq, u għalhekk kien qiegħed jagħti dahru lejn l-attriċi. It-Tribunal ukoll ma jistax ma jinnotax lil-konvenut ma kien konsistenti xejn fix-xhieda tiegħu. Fil-kontro-eżami jgħid diversi drabi li ma jiftakarx ċertu dettal bażiku għaliex għadda ż-żmien mill-akkadut. Issa t-Tribunal jinnota li l-affidavit tal-attur ġie ġġuramentat f'Ottubru 2019 filwaqt li l-kontro-eżami sar fit-28 ta' Jannar 2021. Qabel diversi mistoqsiji, l-avukat tal-attriċi qara l-kontenut tal-affidavit, iżda wara l-mistoqsija l-konvenut jgħid li ma jiftakarx għax għaddew tlett snin. F'Ottubru 2019 kien kapaċi jispjega. F'Jannar 2021 kien nesa dak li qal fl-affidavit tiegħu.

Illi l-konvenut ħawwad diversi drabi fix-xhieda tiegħu. F'ħin minnhom jgħid lid-diskors sar fit-taraġ u jiċħad b'mod enfatiku, anke fuq mistoqsija diretta tat-Tribunal, li dan sar ġewwa l-appartament. Sekonda wara jgħid li fil-fatt id-diskursata saret ġewwa. Ħaġa tal-iskantament imbagħad jgħid li ma sar l-ebda dannu fil-*cooker* u banketta għaliex ma jkunx hemm dawn l-oġġetti fit-taraġ. Dan m'huwiex qiegħed jiġi rilevat minħabba l-importanza tal-lok tal-inċident ai fini tad-deċiżjoni, iżda sempliċiment għaliex dan il-fatt kompla daħħal id-dubbji ferm serji ta' dan it-Tribunal dwar il-kredibilitá tal-konvenut. Imbagħad, meta wieħed jara x'qal il-konvenut meta mistoqsi mill-Pulizija, hawn jikkonferma li fil-fatt

*tax-xiehda izda gudikant ta' esperjenza li jkun qieghed jisma' xhud generalment ikun ghassa ghall-'body language' tax-xhud, bhal ezitazzjonijiet fil-vuci tieghu, l-espressjoni ta' ghajnejh, u movimenti li jkun qieghed jaghmel waqt li jixhed u cirkostanzi ohra li ma ssibhomx fit-traskrizzjoni tax-xiehda, liema indikazzjonijiet jghinu hafna lill-gudikant biex jasal ghad-decizjoni tieghu dwar il-veracita` o meno ta' dik ix-xiehda"*

tkellem mal-attriċi ġewwa l-appartament tagħha. Mela *a tempo vergine*, jgħid li l-inċident seħħ fil-lok fejn jgħidu l-attriċi u bintha.

Illi l-verżjoni tal-konvenut ftit tagħmel sens. Jekk l-attriċi fi kliemu sempliċiment qaltlu *all right* għaliex ridietu jibqa għandha, ma kinitx imbagħad tixħet dan iċ-ċellulari fid-direzzjoni tiegħu. Għal dan it-Tribunal, il-konvenut m'huwiex affidabbli.

Illi għal dak li jikkonċerna t-teżi attriċi, x-xhieda tagħha (u ta' bintha) turi realtà wisq aktar probabbli, litiġju li ġie pprovokat biss mill-aggressur, il-konvenut. It-Tribunal sejjer jibqa sieket dwar dak li probabbilment kien il-kaġun li wassal sabiex il-konvenut kien daqstant aggressiv fil-konfront tal-attriċi. Ċert peró li l-konvenut ma kien provokat bl-ebda mod u xejn ma jiġġustifika l-azzjoni tiegħu. Il-fatt tar-relazzjoni o meno ftit għandhom rilevanza ai fini tar-riżoluzzjoni ta' din il-vertenza, għalkemm tista tgħin sabiex wieħed jimmaġġina x'wassal għax-xena li seħħet. B'hekk it-teżi attriċi hija ferm aktar probabbli u dan it-Tribunal jgħid li seħħilha turi u tikkonvinċi sal-grad rikjest.

Illi rilevanti wkoll il-fatt li l-attriċi jidher li eżebiet rapport mediku lill-Pulizija, għalkemm dan ma ġiex prodott f'dawn l-atti. Bil-verżjoni tal-konvenut, ċioé li din sempliċiment waddbet iċ-ċellulari fid-direzzjoni tiegħu, ma kienx ikun hemm neċessitá ta' tali rapport.

Illi l-konvenut naqas milli jipproduċi wkoll xhieda, li setgħet tkun rilevanti, bħal per eżempju s-sieħba tiegħu u missieru. Minn dan m'għamel xejn u ppretenda li konfrontant b'xhieda linjari u kostanti, dan it-Tribunal jemmen dak kollu li jgħid. Ġustament, fit-trattazzjoni tal-għeluq, d-difensur tal-attriċi jikkontendi li l-konvenut naqas ukoll milli jagħmel kontro-eżami lil Stephanie Gellel. Fuq hekk

ukoll l-attriċi għandha raġun. Huwa prinċipju stabbilit fis-sistema ġuridika nostrana li għal dak li jikkonċerna n-nuqqas ta' utilizzar tal-kontro eżami, xhieda mogħtija in eżami li ma tiġix sottoposta għal xi forma ta' skrutinju tiġi qisha ġiet aċċettata bhala veritiera[27]. Dan it-tagħlim jinsab rifless ukoll f'diversi sentenzi tal-Qrati u tribunali nostrana[28]. Naturalment peró dan qiegħed jingħad fid-dawl ukoll tal-inattivitá fil-kumpless ġenerali tal-konvenut, kif indikat hawn fuq f'dawn il-proċeduri[29]. Għal dan it-Tribunal, dan kien fattur ieħor importanti. Persuna rinfaċċjata b'teżi kkoroborata għandha tuża kull arma permessa mill-liġi sabiex tiskredita dak li ngħad. Dik il-persuna peró ma tistax tafda li ġudikant sejjer jemmen dak kollu li jintqal minnha b'għajnejn magħluqa. It-Tribunal huwa marbut li jagħti piż lill provi kollha rilevanti li jkollu quddiemu. Ix-xhieda ta' Stephanie Gellel kienet t'importanza materjali wkoll f'dawn il-proċeduri.

---

[27] L-Awturi Richard Glover u Peter Murphy, fl-opra tagħhom **Murphy on Evidence** jgħidu hekk: *Failure to Cross-examine a witness who has given relevant evidence for the other side is held techincally to amount to an acceptance of the witness's evidence in chief. It is, therefore, not open to a party to impugn in a closing speech, or otherwise, the unchallened ebidence of a witness called by his opprononet, or even to seek to explain to the tribunal of fact the reason for the failure to cross-examine*" –XIII edizzjoni, a fol 632.

[28] *Vide inter alia,* is-sentenza fl-ismijiet **Michael Mangion et vs Il-Kontrollur tad-Dwana,** (Rik Nru: 1338/10 MCH), deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fit-18 ta' Lulju 2017. Wieħed huwa wkoll mistieden jara s-sentenza ta' dan it-Tribunal, diversament presedut, fl-ismijiet **Emanuel Esposito vs Carmelo Mugliett**, (Talba Nru: 208/2017 KCX) deċiża fid-9 ta' Jannar 2019 (mhux appellata).

[29] Fis-sentenza fl-ismijiet **Knightsbridge Developments Limited (C-41829) vs Citadel Insurance plc,** (Rik Nru: 978/08 TA), deċiża fis-7 ta' Lulju 2017 (pendenti appel) ġiet ritenut hekk: *"Is-Socjeta` attrici tkompli targumenta fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha, li l-fatt wahdu li ma gewx kontro ezaminati x-xhieda taghha, li dak li qalu dawn ix-xhieda ghandu jittiehed bhala vangelu. Din il-Qorti ma taqbel xejn ma din il-posizzjoni. Li kieku s-Socjeta` konvenuta baqghet inattiva ghal kollox waqt il-kawza, kienet tkun storja ohra mil-lat ta' evalwazzjoni probatorja. Izda xhud mhux kontro-ezaminat, ix-xhieda tieghu xorta tista' tigi kkonfutata bi provi ohrajn li jitressqu waqt il-kawza. Il-provi li ghandhom iwasslu lill-Qorti biex tilhaq dak il-konvinciment necessarju fuq bilanc ta' probabbilitajiet* huma *varji. Xhieda mhux kontestata ghax ma sarx kontra ezami tax-xhud, ma jfissirx li din tibqa' wieqfa fuq saqajha, jekk jigu prodotti provi ohrajn li jinnewtralizzaw l-effikacja taghha, ghas-semplici raguni li ma jkunx sar il-kontro ezami tax-xhieda jew xhud."*

Illi finalment ukoll, ċ-ċellulari eżebit juri ammont ta' dannu li ma jistax jiġi ekwiparat ma dak li jgħid il-konvenut. Anzi, juri li sar sforz mhux żgħir sabiex saritlu din il-ħsara, u jikkombaċja ma dak li probabbilment seħħ kif tgħid l-attriċi.

Illi jrid jiġi sottolinjat li dan kollu qiegħed jingħad mingħajr preġudizzju għar-rigward tal-azzjoni kriminali attwalment pendenti kontra l-konvenut. Huwa ovvju li dawn iż-żewġ proċeduri huma separati u distinti minn xulxin[30]. Fuq hekk ma hemmx ħtieġa t'elaborazzjoni twila[31].

Illi għal dawn il-motivi, t-Tribunal qiegħed isib li l-konvenut kien responsabbli u lid-dannu reklamat kien kawżat b'mod dirett mill-aġir tiegħu[32]. B'hekk l-ewwel eċċezzjoni qiegħda tiġi mwarrba.

---

[30] Dan jemerġi ċar mill-artikoli 3, 4 (dan jitkellem dwar azzjoni essenzjalment pubblika u mhux privata bħal azzjoni ċivili) u 6 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

[31] Biżżejjed jiġi senjalat dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Saviour Farrugia noe vs Emanuel Zahra et,** mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-31 ta' Ottubru 2006 (mhux appellata) u ċioé li *"Dina l-Qorti m 'ghandhiex ghalfejn iddum dwar din l- eccezzjoni hlief Ii tfakkar lill-konvenut fid-distinzjoni li dejjem saret fil-gurisprudenza taghna bejn il-process civili u dak kriminali u dan, partikolarment fil-konfront ta· responsabbilita u l-provi mehtiega biex il-gudikant jasal ghal-konkluzjoni tieghu; Fil-kamp kriminali tezisti d-dottrina lngliza ta' beyond reasonable doubt biex l-imputat jinstab hati u fin-nuqqas ta' dan il-kriterju fil-mens tal-Magistrat huwa jrid jillibera; F'dak civili l-prova mehtiega hija inqas rigoruza u huwa bizzejjed illi f'mohh il-gudikant tezisti l-konvinzjoni morali li bejn iz-zewg kontendentj t-tezi ta' wiehed hjja djk korretta u vera;"*

[32] Fis-sentenza fl-ismijiet **Raymond Vassallo vs Mario Cachia,** (App Ċiv Nru: 294/2008/1), mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-26 ta' Marzu 2010, intqal hekk: *"Premess dan, fuq l-ewwel motiv ta' aggravju din il-Qorti tibda biex tosserva in linea generali illi, indubitament, hu dak il-fatt illecitu tal-konvenut il-kawza necessarja tal-konsegwenzi dannuzi determinati li rrizultaw. Skond il-previzjoni tal-ligi, ex-Artikolu 1045 (1) tal-Kodici Civili, id-danni rizarcibbli huma dawk rizultanti b'mod dirett u immedjat ma' l-event li jkun ta lok ghalihom. Rizarciment dan li, dejjem skond l-istess provvediment, hu komprensiv tat-telf attwali subit u tal-qligh mankat in bazi ghall-principju id quo plerumque accidit;"* Rilevanti wkoll dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Attard vs Emmanuel Attard et,** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-20 ta' Ġunju 1984. Hemmhekk ġie ġustament ritenut li: *"...d-danni sofferti fi ġlieda għandu jirrispondi għalihom min kien il-provokatur tagħha".*

Illi dwar it-tieni eċċezzjoni, ċioé li l-attriċi tista dejjem tagħmel xogħol riparatorju fuq iċ-ċellulari, t-Tribunal iqis li kien dmir tal-konvenut li jipprova dan. It-Tribunal m'huwiex espert tekniku in materja, għalkemm jingħad lid-dannu fuq iċ-ċellulari jidher huwa wieħed estensiv. Huwa magħruf li l-oneru f'kawża jista joxxilla bejn il-partijiet[33]. F'dan il-każ, jekk verament l-konvenut ried jissostanzja dan l-argument, ġialadarba l-istat diżastruż taċ-ċellulari huwa riżultanti mill-atti, kellu jkun hu juri kif l-attriċi setgħet b'xi mod ttaffi d-dannu magħmul. Is-silenzju fuq dan l-aspett ma jistax jiġi premjat. Għalhekk, anki din it-tieni eċċezzjoni qiegħda tiġi deskritta bħala ħażina u qiegħda tiġi riġettata.

Illi finalment, dwar il-*quantum* tad-danni, dan it-Tribunal huwa konvint li l-ammont mitlub m'huwiex wieħed eżaġerat u huwa korroborat b'dokumentazzjoni neċessarja. F'dan il-każ lanqas hemm ħtieġa li tintuża valutazzjoni ekwitattiva[34], għaliex id-dannu huwa sorrett mill-provi.

---

[33] Fis-sentenza fl-ismijiet **Emanuel Ellul et v. Anthony Busuttil,** Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), (App Nru: 7/2010) mogħtija nhar is-7 ta' Mejju 2010, intqal hekk: "*huwa valevoli bosta li jigi sottolinejat illi l-piz probatorju tal-konvenut in sostenn ta' l-eccezzjoni tieghu tinsorgi fih meta l-attur minn naha tieghu jkun gab prova tal-fatti li jsostnu l-bazi tat-talba tieghu. Dan huwa hekk ghaliex l-insufficjenza jew in-nuqqas tal-provi tac-cirkostanzi dedotti mill-konvenut biex jikkumbatti l-pretensjoni ta' l-attur ma tiddispensax lil dan ta' l-ahhar mill-piz li adegwatament juri u jipprova l-legittimità u l-fondatezza tal-pretensjoni tieghu.*"

[34] Fis-sentenza fl-ismijiet **Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma vs John Mary Caruana,** (Appell Ċivili Nru: 266/2003) deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) deċiża fl-20 ta' Novembru 2009 intqal hekk*: Distingwibilment, il-valutazzjoni ekwitativa mhix ta' l-istess xorta ta' dik l-ekwita kkontemplata taht il-Kapitolu 380 tal-ligijiet u li tikkonsenti lit-Tribunal ghal Talbiet Zghar li jiddeciedi l-kontroversja quddiemu principalment skond dak l-istrument valutattiv. Ara Artikolu 7 (1) tieghu. Hu, invece, gudizzju rigwardanti espressament u eskluzivament il-mizura tad-danni b'mod li l-Qorti tikkompleta u timla l-vojt tal-prova preciza fuq il-kwantum bhala bonum vir, ossija b'apprezzament ekwu. Effettivament, tali apprezzament jimplika gudizzju fejn fih jittiehed konsiderazzjoni tal-qaghda konkreta tal-kaz u dan fil-prattika jfisser illi l-Qorti, filwaqt li ma thosshiex marbuta bl-istima proposta, fl-istess waqt ma tkunx lanqas tista' tinjora l-fatt accertat ta' l-ezistenza ta' l-illegalita u talpregudizzju ekonomiku soffert, u konsegwentement tghaddi biex taghmel uzu mill-precitat kriterju idoneju biex tasal ghall-komputazzjoni gusta, ossija, skond ma jinghad fir-rikors ta' l-appell, "ghall-anqas ghall-parti mill-ammont mitlub mill-Korporazzjoni attrici appellanti"*

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-Talba billi filwaqt li jiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, jilqa' t-talba tal-attriċi u jikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' ħames mija u tlieta u ħamsin Ewro (€535) bl-imgħax legali mil-20 ta' Lulju 2018[35] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu fl-intier tagħhom mill-konvenut.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

[35] Data tal-preżentata tal-Avviż.